**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**SEDUTA Tad-19 ta' April, 2002.**

**Citazzjoni numru 290/02**

**Asfaltar Limited**

**Vs.**

**William Bugeja**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-

Illi f'diversi dati s-socjeta attrici kkonsenjat materjal, ossija asfalt u ezegwit xogholijiet u dan sar fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-konvenut; Illi l-konvenut jinsab debitur tas-socjeta attrici fis-somma ta' sitt elef tmien mija u wiehed u tmenin lira Maltin u sitta u tmenin centezmi (Lm6,881.86) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' asfalt u materjal iehor mibjugh u ta' xoghol esegwit mis-socjeta attrici;

Illi nonostante interpellat diversi drabi, anke permezz ta' ittra ufficjali tad-l9 ta' Dicembru, 2001 u notifikta lilu fis-26 ta' Dicembru, 2001 (hawn annessa kopja tal-imsemmija ittra ufficjali dokument A) sabiex jhallas dan l-ammont , il-konvenut abqa inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi, a tenur tal-Artikoli l67 u l70 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) billi l-kreditu tas-socjeta attrici huwa cert, likwidu u dovut u is-socjeta attrici pprezentat dikjarazzjoni illi biha John Magro bhala direttur tas-socjeta attrici kkonferma bil-gurament tieghu illi l-konvenut m'ghandu l-ebda raguni jew eccezzjoni valida kontra it-talba tas-socjeta attrici ghal-hlas tas-somma dovuta.

Talbet lil-konvenut jghid il-ghaliex m'ghandiex dina l-Qorti ghar-raginijiet premessi u b'dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikoli l67 u l70 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap.12):

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' sitt elef tmien mija u wiehed u tmenin lira Maltin u sitta u tmenin centezmi (Lm6,881.86) dovuti lis-socjeta attrici kif hawn fuq inghad.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-konsult (Lm10), tal-ittra interpellatorja tad-19 ta' Dicembru, 2001 (Dok B) u dawk tal-mandati kawtellatorji ta' Qbid u sekwestru pprezentati kontestwalment ma din ic-citazzjoni u bl-imghaxijiet legali b'effett mill-31 ta' Mejju, 2001 u coe mid-data tal-ahhar konsenja lill-konvenut sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta attrici u in-nota tax-xhieda taghha;

Rat li ic-citazzjoni giet debitament notifikata lil-konvenut;

Semghet lill-Avukati difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-sedutta tallum;

Rat artiloli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malt;

Tiddeciedi billi tilqa it-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' sitt elef tmien mija u wiehed u tmenin lira Maltin u sitta u tmenin centezmi (Lm6,881.86) bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra il-konvenut.

Imhallef

Dep. Registratur